**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 195/2021 RM**

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)**

**-Vs-**

**Mark Chetcuti**

**Illum, 26 ta' Settembru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Mapfre Middlesea p.l.c. fl-1 ta' Lulju 2021 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Mark Chetcuti, iħallasha s-somma ta' sebat elef, disa' mija u tmienja u tmenini ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€7,988.52) konsistenti fl-ammont ta' ħames mija u tmienja u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€588.28) bħala ħlas effettwat lil Malta Environmental Landscapes, l-ammont ta' sebat elef, mija u erbgħa u għoxrin ewro u seba' ċenteżmi (€7,124.07) bħala rifużjoni ta' l-ammonti sborsati mis-soċjeta esponenti lil GasanMamo Insurance Limited, u l-ammont ta' mitejn u sitta u sebgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€276.17) bħala l-ispejjeż inkorsi fl-intervent tas-soċjeta' esponenti, skond it-taxxa ġudizzjarju,

fl-Arbitraġġ Mandatorju fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance Limited et vs. Mark Chetcuti et (M5534/2018) deċiża fl-24 ta' Frar 2021, li permezz tagħhom l-intimat Mark Chetcuti ġie dikjarat unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar is-27 ta' Marzu 2016, ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara, u liema ammonti s-soċjeta' esponenti kienet obbligata li tħallas favur it-terzi ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u liema rifużjoni qed tintalab mill-intimat gialadarba l-intimat aġixxa bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni, emessa mis-soċjeta' esponenti, dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TME 650 u tal-liġi, meta l-istess intimat saq din il-vettura taħt l-influwenza ta' l-alcohol u għalhekk is-soċjeta' esponenti hija ntitolata li tirkupra tali ammont mingħand l-intimat.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra legali datata 22 ta' Marzu 2021, bl-imgħaxijiet legali minn meta s-soċjeta' esponenti effettwat l-isbors lil Gasan Mamo Insurance Limied, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat li min issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut, Mark Chetcuti minkejja li ġie notifikat bir-Rikors u bl-avviż tal-appuntament tal-kawża[1], naqas milli jippreżenta risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti fil-ġurnata tal-ewwel smigħ biex jikkontesta t-talba attriċi ;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha ;

Rat illi l-konvenut minkejja li ngħata d-debita opportunita', baqa' ma ressaq l-ebda prova;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

---

[1] Fil-11 ta' Ottubru 2021, ara timbru fol. 6A, *tergo.*

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta` attrici qiegħda titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas somma determinata ta' flus in línea ta' rimbors tal-ammont li hija ġiet kostretta tħallas biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta bhala assiguratriċi tal-vettura TME-650 in segwitu għal-*lodo* arbitrali mogħti fl-24 ta' Frar 2021 fil-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Mary Josephine Scerri u l-istess Mary Josephine Scerri v. Mark Chetcuti u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2019 interveniet fil-proċeduri s-soċjeta' assiguratriċi Mapfre Middlesea p.l.c.*** [M5534/2018]. Titlob ukoll ir-rimbors tal-ammont li hija ħallset in konnessjoni mal-intervent tagħha fl-imsemmija proċeduri ta' Arbitraġġ Mandatorju u ammont ieħor li kellha tħallas biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarrbet is-soċjeta' Malta Environmental Landscapes, kollox b'riżultat u in konnessjoni mal-inċident stradali li seħħ fis-27 ta' Marzu 2016 bejn l-assigurat tagħha l-konvenut Mark Chetcuti li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TME-650 u l-assigurat tas-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited.

Illi l-fatti li joħorġu minn eżami tal-provi u tal-atti proċesswali, huma dawn:-

- Illi s-soċjeta` attriċi ħarġet polza ta' assigurazzjoni fuq bazi *third party fire only*[2] fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TME-650[3] proprjeta` tal-konvenut Mark Chetcuti[4] li huwa wkoll il-*policy holder*, b'perijodu ta' validita` mit-3 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Awwissu 2016;

- Illi fis-27 ta' Marzu 2016, ċioe` fil-perijodu li fih il-vettura in kwistjoni kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni maħruga mis-socjeta` attrici, il-vettura TME-650 misjuqa mill-konvenut Mark Chetcuti kienet involuta f'inċident stradali ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAB-199 proprjeta' ta'

[2] Ara xhieda ta' Jason Tonna, 2 ta' Marzu 2022.
[3] Ara Dok. JT1 "Certificate of Motor Insurance".
[4] Ara Road Traffic Accident Report, parti minn sett ta' dokumenti esebiti minn Sharon Mifsud, Dok. SM1.

ċertu Mary Josephine Scerri u assigurata mas-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited;

- Illi fil-25 ta' Ottubru 2018 is-soċjeta' attriċi bagħtet ittra uffiċjali lil Mark Chetcuti[5] fejn għarrfitu li hija għandha biżżejjed evidenza fil-pussess tagħha li meta seħħ l-inċidenti stradali fis-27 ta' Marzu 2016 mal-vettura GAB-199, huwa kien qed isuq il-vettura TME-650 taħt l-influwenza tal-alkoħol bi ksur tal-kundizzjonijiet fil-polza tal-assigurazzjoni. Għarrfitu wkoll li f'każ li tkun obbligata tħallas xi danni lil terzi in konnessjoni mal-istess inċident, sejra tesiġi mingħandu r-rifużjoni sħiħa tal-ammont li jiġi minnha sborsat;

- Illi b'digriet tal-arbitru mogħti fit-28 ta' Jannar 2019, is-soċjeta' attriċi ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* fil-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju [M5534/2018] fl-ismijiet *GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Mary Josephine Scerri u l-istess Mary Josephine Scerri v. Mark Chetcuti et*, liema proċeduri ġew istitwiti in konnessjoni mal-inċident awtomobilistiku tas-27 ta' Marzu 2016. F'dawk il-proċeduri hija sostniet illi meta seħħ dan l-inċident, Mark Chetcuti ma kienx kopert mill-polza tal-assigurazzjoni minnha maħruġ għaliex huwa kien qed isuq il-vettura TME-650 taħt l-influwenza tal-alkoħol;

- Fil-25 ta' Ottubru 2018 is-soċjeta' attriċi wissiet lill-konvenut ġudizzjarjament li hija sejra tesiġi r-rifużjoni sħiħa mingħandu tal-ħlas ta' kwalsiasi danni, interessi, spejjeż ġudizzjarji u VAT li tista' tiġi talvolta obbligata li tħallas in konnessjoni mal-inċidenti awtomobilistiku tas-27 ta' Marzu 2016 minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Is-soċjeta' attriċi qiegħda invokat il-paragrafu "f" tas-sezzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni intestata "General Exclusions" u fir-rigward Jason Tonna, *claims handler* mas-soċjeta' attriċi, xehed[6] illi l-imsemmija sezzjoni tal-polza tal-

---

[5] Dok. JT2, ara wkoll ittra ufficjali Dok. JT2 formanti parti mis-sett ta' dokumenti Dok. SM1.
[6] Xhieda tat-2 ta' Marzu 2022.

assigurazzjoni teskludi kopertura fuq xufiera li jkunu qed isuqu taħt l-influwenza tal-alkoħol. Is-soċjeta' attriċi pproduċiet fl-atti kopja tal-"General Exclusions" li japplikaw għas-sezzjonijiet kollha tal-Motor Insurance Policy, fejn jinsab stipolat:

*"We shall not be liable in respect of:*
*Any accident, injury, loss, damage or liability occurring while* ***your vehicle*** *insured by this* ***Policy*** *is:*
*...*
*(f) driven by any person who at the time of driving is under the influence of alcohol or drugs other than drugs taken in proper medical advice and not for the treatment of drug addiction.*
*Provided that if by reason of the circumstances mentioned in (b), (c), (d), (e) and (f)* ***we*** *shall pay any sum in respect of the liability of any person in or towards the discharge of the liability covered under Section 1 (Liability to Others) of the* ***Policy*** *in accordace with the* ***Legislation****,* ***we*** *will have the right to recover any such sum so paid by* ***us*** *from that person."*

- Illi permezz ta' *lodo* arbitrali moghti fl-24 ta' Frar 2021 fl-imsemmija proceduri ta' arbitraġġ, ġie deċiż illi Mark Chetcuti, il-konvenut odjern, kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku tas-27 ta' Marzu 2016 u ġie kundannat iħallas lis-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited danni fis-somma ta' €4,350 u lill-assigurat tagħha, Mary Josephine Scerri, is-somma ta' €50, bl-imgħax legali mill-11 ta' Awwissu 2016 u bl-ispejjez inklużi dwake tal-ittri uffiċjali datati 11 ta' Awwissu 2016, tat-8 ta' Mejju 2018 kif ukoll tal-ittra uffiċjali li ġiet spedita kontestwalment mal-intavolar tal-proċeduri ta' Arbitraġġ, u b'riżerva għad-drittijiet kollha mogħtija bil-liġi lis-soċjeta' Mapfre Middlesea p.l.c. skont Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Illi in segwitu għad-deċiżjoni arbitrali tal-24 ta' Frar 2021 u in adempjenza tal-obbligi tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta attriċi ħallset is-somma komplessiva ta' €7,124.07 lis-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited, l-assiguratriċi tat-terz danneġġjat, u dan permezz ta' *online bank transfer* li sar fl-ewwel ġimgħa ta'

Marzu tas-sena 2021[7]. Ħallset ukoll lil Malta Environmental Landscapes is-somma ta' €588.28 permezz ta' *cheque* datat 15 ta' Ġunju 2016[8] u wriet li hija kellha tħallas is-somma ta' €276.17 fi spejjeż inkorsi in konnessjoni mal-intervent tagħha fil-proċeduri ta' Arbitraġġ Mandatorju M5534/2018.

- Illi s-soċjeta' attriċi esebiet fl-atti ittra legali datata 22 ta' Marzu 2021 (mhux iffirmata)[9], li permezz tagħha jidher li interpellat lill-konvenut jirrifondilha s-somma komplessiva ta' €7,712.35 li ġiet kostretta li tħallas in linea ta' danni, imgħax u spejjeż in segwitu għad-deċiżjoni arbitrali, kif ukoll spejjeż u drittijiet tal-ittra uffiċjali ppreżentata fil-konfront tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2018[10].

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta` attriċi tibbaża t-talba tagħha għall-ħlas tas-somma reklamata f'din il-kawza, fuq l-asserzjoni li l-assikurat tagħha, il-konvenut Mark Chetcuti, mexa bi ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza li hija ħarġet għall-kopertura assikurattiva tal-vettura TME-650 għaliex huwa kien, allegatament, qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol meta kien involut fl-inċident awtomobilistiku mal-vettura GAB-199 fis-27 ta' Marzu 2016. Tikkontendi illi għalkemm, biex twettaq l-obbligi legali tagħha taħt l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta bħala l-assiguratur taħt il-polza, hija kienet kostretta tħallas lit-terz danneġġjat id-danni sofferti minnu bħala riżultat tal-imsemmi incident skont kif ġie deċiż mil-*lodo* arbitrali tal-21 ta' Frar 2021, hija f'kull kaz awtorizzata skont it-termini tal-polza li ma tagħtix kopertura assikurattiva lill-assigurat taħt il-polza u li konsegwentement, għandha dritt tesiġi r-rifuzjoni ta' din is-somma mingħand il-konvenut.

---

[7] Ara xhieda ta' Joanna Bartolo, 25 ta' Mejju 2022 u konferma li dan il-pagament wasal għand is-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited, email datat 25 ta' April 2022 (vide nota ppreżentata fil-25 ta' Mejju 2022)

[8] Ara Dok. JB1 u xhieda ta' Joanna Bartolo tal-25 ta' Mejju 2022 fejn ġie konfermat li dan ic-*cheque* ġie msarraf fl-2016.

[9] Dok. MMS2.

[10] Ir-referenza li saret f'din l-ittra għall-vettura TEM650 hija erroneja.

Il-konvenut għalkemm ġie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviż tal-appuntament tal-kawża, baqa' ma ppreżenta l-ebda Risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba attriċi. B'daqshekk naturalment, ma jfissirx li t-teżi tas-soċjeta' attriċi hija ppruvata u t-talba hija mistħoqqa, bħalma n-nuqqas ta' konstestazzjoni formali tal-konvenut tat-talba attriċi ma jikkostitwixxix ammissjoni tal-istess talba.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi in tema ta' assikurazzjoni, huwa prinċipju assodat li r-responsabilita` għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assiguratur lil terzi in adempjenza tal-obbligi legali taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hijiex relatata mar-responsabbilità għall-event dannuż li ta lok għad-danni iżda tali obbligu jitwieled minn inadempjenza kontrattwali da parti tal-assikurat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et**[11], il-Qorti osservat illi r-responsabbilita` għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assikurazzjoni a termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-obbligu tar-radd lura ta' ammonti mħallsa mill-assikurazzjoni lil terzi, jitwieldu minn inadempjenza kontrattwali tal-assikurat li jkun intrabat mal-assikuratur li jwettaq l-obbligi naxxenti mill-kondizzjonijiet tal-polza[12].

Mill-atti jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri ta' Arbitraġġ Mandatorju M5534/2018 dwar l-inċident stradali li seħħ fis-27 ta' Marzu 2016, ġie mressaq bħala xhud PS 1289 Andrei Cassar Bonaci[13] li xehed ukoll quddiem il-Qorti[14] fejn spjega illi huwa kien wettaq *breathalyser test* fuq Mark Chetcuti meta ġie msejjaħ fuq il-lok tal-inċident awtomobilistiku, liema test huwa wettqu għaliex xamm riħa ta' xorb ġejja mingħandu l-istess Mark Chetcuti. Xehed illi għalkemm għall-bidu l-konvenut irrijfuta li jissottometti ruħu għal dan it-test minħabba l-biża li l-assigurazzjoni ma tħallasx għad-danni jekk jirriżulta li kien xurban, eventwalment dan it-test sar u l-konvenut irriżulta

[11] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005.
[12] Ara wkoll: **GasanMamo Insurance Limited v. Mario Seguna et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9.3.2016.
[13] Xehed fis-seduta miżmuma quddiem l-Arbitru fis-7 ta' Ottubru 2019.
[14] Seduta tal-25 ta' Mejju 2022.

li kien pożittiv għal alkoħol għaliex ir-riżultat tal-analiżi tal-kampjun tan-nifs tiegħu kien ta' 45.3*ug* per 100ml[15].

L-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk :-

"*Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*"

Imbagħad, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15I(1)(a)(i) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni fl-2016, jipprovdu li l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ta' persuna li jsuq vettura bil-mutur ikun iżjed mil-limitu preskritt meta l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs tiegħu jeċċedi 35 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs[16]. Applikat dan għall-każ tal-konvenut Mark Chetctui, ifisser illi l-proporzjoni tal-alkoħol fin-nifs tiegħu meta tteħditlu t-test fuq il-lok stess tal-kolliżżjoni mal-vettura GAB-199, inqas minn siegħa wara l-ħatba, kienet teċċedi abbondantement il-limitu preskritt mil-liġi.

Il-konvenut mhux biss baqa' ma ressaq l-ebda prova quddiem din il-Qorti biex jikkontesta dak li jirriżulta mill-kopja legali tal-atti tal-arbitraġġ u biex jirribatti l-prova li effettivament, meta seħħet il-ħabta mal-vettura GAB-199 fis-27 ta' Marzu 2016, huwa kien qed isuq il-vettura TME-650 bi proporzjoni ta' alkoħol fin-nifs tiegħu ta' 45.3*ug*/100ml li, kif rajna, teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi, iżda fix-xhieda tiegħu bil-ġurament quddiem l-Arbitru fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019 ammetta wkoll bla tlaqliq illi r-riżultat tal-*breathlyser test* imwettaq fuqu, kien wieħed pożittiv. Din l-ammissjoni hija affermata ulterjorment mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti

[15] Ir-riżultat tal-analiżi tal-kampjun tan-nifs ġie esebit fl-atti tal-Arbitraġġ M5534/2018: parti mil-Full Road Traffic Accident Report, Dok. OS, esebit mill-Ispettur Oriana Spiteri fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2019: parti mis-sett ta' dokument Dok. SM1, konsistenti f'kopja legali tal-atti tal-proċeduri tal-Arbitraġġ M5534/2018.
[16] Dan il-limitu ġie sussegwentement ridott għal 22*ug* ta' alkoħol f'100 millitru ta' nifs permezz tal-Att XIV tal-2017.

bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fl-4 ta' Mejju 2018[17] li sabet lill-konvenut, hemmhekk imputat, Mark Chetcuti, ħati fuq ammissjoni *inter alia* tat-tieni imputazzjoni li fis-27 ta' Marzu 2016 fi Triq Dun Karm, Birkirkara, huwa saq il-vettura TME-650 wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs kien iżjed mil-limitu preskritt mil-liġi.

Magħdud dan kollu, inkluż il-fatt illi l-konvenut baqa' ma ressaqx provi kuntrarji, il-Qorti tqis illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet is-soċjeta' attriċi ressqet prova sodisfaċjenti li meta seħħet il-ħabta mal-vettura GAB-199 fis-27 ta' Marzu 2016, il-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura TME-650 meta kellu fin-nifs tiegħu proporzjoni ta' alkoħol li teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi dak iż-żmien. Stabbilit dan, għall-Qorti il-korollarju ta' dan huwa *res ipsa loquitur* li l-konvenut kien, f'dak il-waqt, qed isuq il-vettura tiegħu meta kien taħt l-influwenza tax-xorb kif imfisser fil-polza tal-assigurazzjoni.

Abbazi ta' din il-prova, is-soċjeta` attriċi tikkontendi illi l-assikurat taghha mexa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. Il-Qorti taqbel. Il-patt konvenzjonali konkluż bejn is-soċjeta' attriċi u l-assikurat tagħha, li abbazi tiegħu nħarġet il-polza tal-assigurazzjoni, jesiġi li biex is-soċjeta' attriċi tkun obbligata tħallas taħt il-polza għal xi ħsara li tiġi kkaġunata mill-vettura minnha assigurata, il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, ma tkunx taħt l-influwenza *inter alia*, tal-alkoħol.

Kif ġie appena stabbilit, mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jinsab effettivament taħt l-influwenza tal-alkoħol meta li kien involut fil-kolliżżjoni mal-vettura GAB-199 fis-27 ta' Marzu 2016 f'Birkirkara u waqt li kienet fis-seħħ il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' attriċi. Konformement, huwa riskontrabbli l-istat ta' fatt maħsub fil-paragrafu (f) tas-sezzjoni "*General Exclusions*" tal-polza tal-assigurazzjoni, liema stat ta' fatt jagħti l-jedd lis-soċjeta` attriċi tagħżel li tirrifjuta tindennizza lill-assikurat tagħha taħt l-istess polza għad-danni kkaġonati lit-terz fl-imsemmi inċident awtomobilistiku.

[17] Ara Dok. EGF1.

Għalkemm bħala l-assiguratur ikkonċernat għall-fini tal-Kap. 104, ma setghetx legalment tevita l-obbligu tagħha tal-ħlas *vis-à-vis* it-terz danneġġjat in segwitu għal-*lodo* arbitrali tal-24 ta' Frar 2021, il-Qorti tqis illi s-soċjeta` attriċi hija ġustifikata taġixxi b'rivalsa kontra l-assigurat tagħha Mark Chetcuti għar-rifuzjoni tal-ammont li ġiet kostretta tħallas taħt il-polza in linea ta' danni sofferti bhala riżultat tal-inċident awtomobilistiku tas-27 ta' Marzu 2016 u dan stante illi jirriżulta illi effettivament, l-istess konvenut aġixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-ħruġ tal-istess polza meta saq il-vettura TME-650 meta kien taħt l-influwenza tax-xorb alkoħoliku.

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti tal-proceduri tal-arbitragg bin-numru M5534/2018, jirrizulta illi l-konvenut ġie kkundannat iħallas lil GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' €4,350 pju' imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Awwissu 2016 u l-ispejjeż mitluba. Sussegwentement, is-soċjeta` attriċi ħallset lill-istess soċjeta' GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' €7,124.04 u fir-Rikors promotur qiegħda tirreklama r-rimbors ta' din is-somma, flimkien ma' spejjeż oħrajn, mingħand il-konvenut.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li s-sorte aġġudikat bħala dovut lil GasanMamo Insurance Limited u l-assigurat tagħha, huwa fis-somma ta' €4,400, is-soċjeta' attriċi ma ressqet fl-atti l-ebda rendikont jew prospett li tfisser liema parti mill-bilanċ imħallas u issa reklamata minnha, tirrappreżenta imgħax u liema parti tirrappreżenta l-ispejjeż. Iżda wara li rat l-atti, senjatament it-taxxa tal-ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, il-Qorti fehmet illi l-ispejjeż u drittijiet intaxxati favur ir-rikorrenti fil-proċeduri ta' Arbitraġġ Mandatorju M5534/2018 jammontaw għas-somma komplessiva ta' **€929.38**.

Għall-bqija, filwaqt li huwa minnu li l-Arbitru ddeċidiet li huma dovuti wkoll lil GasanMamo Insurance Limited, l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali tal-11 ta' Awwissu 2016 u tat-8 ta' Mejju 2018, ma jirriżultax illi s-soċjeta' attriċi ħallset lil GasanMamo

Insurance Limited abbażi tat-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż u drittijiet relattivi, kif maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti, iżda abbażi ta' *invoices* u riċevuti maħruġa mid-ditta legali li abbozzat dawn l-ittri ġudizzjarji. Il-Qorti hi tal-fehma li r-rifużjoni li hija dovuta mill-konvenut għandu jkun tal-ammont ta' spejjeż u drittijiet legali inkluż taxxa fuq il-valur miżjud fuq id-drittijiet legali, kif intaxxati uffiċjalment, u ta' xejn iktar minn hekk. Iżda ma tressqet l-ebda prova li l-ammont żejjed li s-soċjeta' ħallset in kwantu għal dawn l-ispejjeż u drittijiet (ċioe' s-somma ta' €190.92) tħallset abbażi tat-taxxi uffiċjali relattivi.

**Għaldaqstant, għall-Qorti huwa ppruvat li s-soċjeta' attriċi għandha dritt għal rimbors mingħand il-konvenut ta' sorte fis-somma komplessiva ta' €4,400 u spejjeż u drittijiet legali u taxxa fuq il-valur miżjud fis-somma ta' €929.38**.

In kwantu għall-imgħaxijiet, jirriżulta li dan ġie maħdum korrettement skont id-deċiżjoni arbitrali bir-rata ta' 8% fuq sorte ta' €4,400 mill-11 ta' Awwissu 2016 sal-1 ta' Marzu 2021, fl-ammont ta' **€1,603.77**.

Fir-Rikors promotur, is-soċjeta' attriċi titlob ukoll il-ħlas tas-somma ta' €276.17 li tirrappreżenta l-ispejjeż u drittijiet legali (flimkien ma' taxxa fuq il-valur miżjud fuq id-drittijiet legali) b'rabta mal-intervent tagħha fil-proċeduri tal-Arbitraġġ Mandatarju M5433/2018. Mit-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, jirriżulta li l-ispejjeż tagħha ġew intaxxati fil-kolonna "*Intimat*" fis-somma ta' €237.60, bid-differenza tirrappreżenta VAT fuq id-drittijiet legali[18]. Il-Qorti tosserva illi fid-deċiżjoni arbitrali tal-24 ta' Frar 2021, il-konvenut odjern ġie kkundannat iħallas *inter alia* "*l-ispejjez kollha*" b'mod ġenerali mingħajr ma ġie speċifikat jekk l-ispejjeż humiex biss dawk tar-rikorrent jew jekk jinkludux ukoll l-ispejjeż tal-intervenut fil-proċeduri. Għall-Qorti, dan ifisser illi l-konvenut ġie kundannat l-ispejjeż **kollha** tal-Arbitraġġ fosthom għalhekk l-ispejjeż li ġew intaxxati miċ-Ċentru wkoll favur is-soċjeta' attriċi odjerna b'rabta mal-intervent tagħha f'dawk il-proċeduri.

[18] €38.57.

Konformement, is-soċjeta' attriċi għandha dritt li tiġbor mingħand il-konvenut il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż fis-somma komplessiva ta' **€276.17**, għalkemm għandu jingħad, illi hija setgħet tipproċedi biex tenforza l-ħlas bil-ħruġ ta' mandati eżekuttivi in vista tal-fatt illi it-taxxa tal-ispejjeż jikkostitwixxi titolu ezekuttiv għall-fini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi titlob il-ħlas tal-imgħax fuq is-somma reklamata minn fir-Rikors promotur "*minn meta l-esponenti effettwat l-isbors lil GasanMamo Insurance Limited sad-data tal-pagament effettiv*". Il-Qorti iżda tqis illi dan mhux korrett. L-obbligazzjoni in diżamina hija waħda prettament ta' natura ċivili u mhux kummerċjali. L-atti tal-kummerċ huma biss dawk li jinsabu elenkati fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u l-ħlas ta' danni mħallsin taħt polza tal-assigurazzjoni mhux wieħed minnhom. Għaldaqstant, isibu riskontru in materja ta' imgħaxijiet, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 li jistipola "*... imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni....*". Dan ifisser illi l-imgħax fuq is-somma sborsata mis-soċjeta' attriċi għandu jibda jgħaddi mhux mid-data tal-ħlas, iżda mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-konvenut għall-ħlas ta' dik is-somma.

Il-Qorti rat l-atti u riskontrat biss kopja fotostatika ta' ittra legali mhux iffirmata - mhux interpellazzjoni ġudizzjarja - mibgħuta lill-konvenut bid-data tat-22 ta' Marzu 2021 b'talba għar-rifużjoni tas-somma ta' €7,712.75 rappreżentanti s-somma mħallsa lil GasanMamo Insurance Limited, spejjeż tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Ottubru 2018 kif ukoll l-ispejjeż u drittijiet legali konnessi mal-intervent tagħha fil-proċeduri tal-arbitraġġ M5534/2018. Iżda in kwantu għall-imsemmija ittra uffiċjali tal-25 ta' Ottubru 2018, jirriżulta li b'din l-ittra l-konvenut odjern ma ġiex interpellat biex iħallas somma determinata iżda ġie biss imwissi li f'każ li s-soċjeta' attriċi tiġi

kkundannata tħallas lil terzi danni, spejjeż jew interessi minħabba l-obbligi tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sejra tesiġi mingħandu r-rifużjoni sħiħa tas-somma hekk imħallsa. Dan ifisser illi effettivament, l-ewwel sejħa b'att ġudizzjarju għall-ħlas tas-somma li ġiet imħallsa mis-soċjeta' attriċi in linea ta' danni, spejjeż u imgħax kif deċiż fl-imsemmi *lodo* arbitrali, saret permezz tal-preżentata tar-Rikors promotur f'din il-kawża fl-1 ta' Lulju 2021, debitament notifikata lill-konvenut[19].

Ikkunsidrat finalment;

Illi s-soċjeta' attriċi talbet ukoll ir-rifużjoni mingħand il-konvenut tas-somma ta' €588.28 bħala ħlas li hija effettwat lil Malta Environmental Landscapes Consortium Limited permezz ta' cheque datat 15 ta' Ġunju 2016. Jason Tonna xehed li din is-somma tirrappreżenta ħsara li l-konvenut allegatament ikkaġuna lill-proprjeta' ta' din il-kumpannija[20].

Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi għalkemm is-soċjeta' attriċi ressqet prova li hija ħallset din is-somma lill-kumpannija fuq imsemmija, dan il-pagament jidher li ġie effettwat mingħajr prova li hi jew il-konvenut, ġew interpellati jħallsu din is-somma. Ma ġew prodotti l-ebda dokumenti, invoices, prospetti jew ricevuti in sostenn ta' dan il-ħlas u biex juru f'hiex jikkonsistu l-allegati ħsarat. Huwa minnu li fost l-atti tal-arbitraġġ insibu x-xhieda bl-Affidavit ta' WPS 50 Oriana Spiteri fejn qalet li "*fuq il-post ġew innutati ħafna siġar imqaċċtin mal-art..."* filwaqt illi fir-rapport tal-okkorrenza hemm imniżżel li "*Mr Edgar Borg mill-ELC ġie infurmat rigward id-danni li saru fejn jikkonċernaw is-siġar li ġew imqaċċta waqt l-inċident*", iżda l-Qorti tista' biss tispekola li l-ammont imħallas kien jirrappreżenta l-valur tas-siġar allegatament imqaċċtin. Magħdud dan il-fatt li ħadd ma xehed, la in rapprezentanza tas-soċjeta' attriċi u lanqas in rappreżentanza tal-kumpannija ELC biex jikkonvinċi lill-Qorti li s-soċjeta' attriċi kienet obbligata legalment għall-ħlas taħt il-Kapitolu 104, f'hiex jikkonsisti l-ammont imħallas u li l-*quantum* mitlub u mħallas kien wieħed

---
[19] Notifikat fil-11 ta' Ottubru 2021.
[20] Xhieda tat-2 ta' Marzu 2022.

ġustifikat. Fil-fatt, dan il-pagament sar fi żmien meta l-kwistjoni tar-responsabbilita' għall-inċident awtomobilstiku tas-27 ta' Marzu 2016 kienet għadha mhux determinata u meta s-soċjeta' attriċi, intervenuta *in statu et terminis* fil-proċeduri tal-arbitraġġ, esiġiet li tinġieb l-aħjar prova dwar il-ħtija u responsabbilita' tal-konvenut assigurat tagħha, għall-inċident in kwistjoni u tal-ammont tad-danni pretiżi. Prova li hija stess naqset milli tressaq f'din il-kawża in kwantu għall-ammont pretiż minnha rappreżentanti l-ħlas li wettqet lill-kumpannija ELC.

Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' ebda prova dwar il-ħlas tas-somma ta' €588.28, il-Qorti ma tqis li l-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi fir-rigward hija ppruvata u mistħoqqa.

Dan ifisser illi s-somma komplessiva li għandha dritt tesiġi mingħand il-konvenut in linea ta' rifużjoni huwa ta' **sebat elef mitejn u disa' Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,209.32).**

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' limitatament it-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut MARK CHETCUTI iħallas lis-soċjeta' attriċi Mapfre Middlesea p.l.c. is-somma komplessiva ta' sebat elef mitejn u disa' Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7,209.32) għar-ragunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, 1 ta' Lulju 2021 u bl-ispejjeż kif mitlub fl-istess Rikors.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**